**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 27 ta' Novembru 2024**

Rikors Numru: 456/24 AL

A B

vs

C B

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi r-rikorrenti izzewwget lil C B nhar it-tnax (12) t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru tnejn, disgha, tnejn, sitta tas-sena elfejn u tnax (2926/2012)-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A'.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled wild wiehed.

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' sentenza mahruga fil-hdax (11) ta' Marzu, 2024 mill-Qorti tal-Appell [Rikors Nru. 261/13/2 AGV, kopja awtentika tal-istess qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B'.

4. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-manteniment kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom dejjem thallas u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.
6. Illi għaldaqstant l-esponenti tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex tingħata d-divorzju.
7. Illi r-rikorrenti tixtieq tiddivorzja u li ż-żwieġ taghha jigi mahlul.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghall-kunjom ta' xbubitha, Scicluna;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid- divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku,

u dan taht kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportune.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru 2024;

Rat illi l-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-qorti wiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Marzu 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħhda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.